## L-iskiżofrenija

L-iskiżofrenija hi forma ta' psikożi li hi kkaratteriżżata b'deterjorament fil-funzjoni tal-persuna minħabba disturbi serji fuq livel ta' ħsieb, perċezzjoni u burdata; imġieba mhux tas-soltu u iżolament soċjali. Is-sintomi ta l-iskiżofrenija jinkludu:

- Delużjonijiet
- Alluċinazzjonijiet
- Taħwid fl-użu tal-lingwa
- Imġieba katatonika jew li ma tagħmilx sens
- 'Sintomi negattivi' – nuqqas ta' funzjoni, pereżempju nuqqas ta' komunikazzjoni.

Madwar 1-2% tal-popolazzjoni tbati mill-iskiżofrenija

**Delużjonijiet**
Id-deluzjoni hi stat fejn il-persuna temmen f'xi ħaġa li mhix reali. Jeżistu kategoriji differenti:

- Delużjonijiet ta' persekuzzjoni: il-ħsieb li persuna qed tiġi ppersegwitata jew li hemm xi komplott kontriha;
- Delużjonijiet ta' kontroll: il-ħsieb li persuni jew forzi esterni qed jikkontrollaw il-ħsibijiet u l-azzjonijiet tagħha;
- Delużjonijiet ta' referenza: il-persuna taħseb li qed issir referenza għaliha meta ma għandhiex x'taqsam, pereżempju waqt l-aħbarijiet.
- Delużjonijiet ta' *grandeur*: il-ħsieb li persuna hi famuża jew għandha ċerta poteri.
- Delużjonijiet dwar dnubiet u sens ta' ħtija esaġerat: il-ħsieb li persuna tkun għamlet jew setgħet għamlet dnubiet serji ħafna;
- Delużjonijiet fuq mard: it-twemmin li persuna qed issofri minn xi mard serju u li forsi ma jeżistix, pereżempju li l-moħħ hu mimli bil-ħama
- Delużjonijiet niħilistici: it-twemmin li l-persuna ma għadhiex teżisti.

**Alluċinazzjonijiet**
Alluċinazzjonijiet jistgħu jkunu relatati mas-sensi kollha, fil-fatt wieħed jista' jara, jisma', jxomm, iħoss jew itiegħem affarijiet li fil-fatt ma jkunux hemm. L-iktar alluċinazzjonijiet komuni huma dawk viżwali jew awditorji jiġifieri fejn il-persuna tisma' ilħna jew tara affarijiet li fil-fatt ma jkunux hemm.

**L-użu tal-lingwaġġ b'mod mhux organizzat**
Persuni bi skizofrenija jista' jkollhom taħwid jew diżorganiżżazzjoni fl-użu tal-lingwaġġ. Pereżempju persuna tibda taqbeż minn suġġett għall-ieħor mingħajr sens.

**Imġieba li ma tagħmilx sens**
Individwi bi skiżofrenija jistgħu juru imġieba repetittiva jew li tieħu tul ta' ħin pereżempju jħokku rashom, jew ikunu attivi ħafna jew ma jiċċaqalqu xejn.

**Nuqqas t'emozzjonijiet:**

Persuni bi skiżofrenija jistgħu juru ftit jew xejn emozzjonijiet u jista' jkun li ftit isibu mumenti fejn jieħdu gost. Jista' jkun hemm mumenti fejn dak li juru li qed iħossu ma jkunx kompatibbli mas-sitwazzjoni, pereżempju persuna tidhak meta tisma' lil xi persuna oħra tokrob bl-uġiegħ. L-iżolament soċjali jista' jkun sintomu ieħor ta'skiżofrenija.

**Nies famużi li batew jew ibatu minn din il-kundizzjoni**

- John Nash (matematiku u rebbieh tal-permju Nobel)
- Jack Kerounac (awtur)
- Syd Barrett (kitarrist tal Pink Floyd)

**Trattament**: Normalment is-sintomi jiġu kkontrollati permezz tal-mediċina, għaldaqstant interventi psikosoċjali huma importanti wkoll.

**Medicina**: Antipsikotiċi jintuzaw biex tigi ttrattata l-iskizofrenija.

**Psikoterapija**: Terapija individwali jew tal-familja u programmi ta' riabilitazzjoni huma rakkomandati biex il-persuna tgħix ħajja indipendenti.